MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2010

Appell Civili Numru. 811/2000/2

**Parklane Investments Limited**

**v.**

**Luigi u Pauline konjugi Portelli u b'digriet tat-3 ta' Novembru 2009**
**stante l-mewt ta' Pauline Portelli fil-mori tal-kawza**
**l-atti tal-kawza ghan-nom taghha gew trasfuzi f'isem zewgha Luigi Portelli bhala uzufruttwarja u f'isem uliedha**
**Paul Portelli, Mary Zahra, Joseph Portelli, Francis Portelli u**
**Carmel sive Charles Portelli bhala eredi taghha**

**Il-Qorti;**

**<u>PRELIMINARI</u>:**

1. Dan hu appell ad istanza tas-socjeta` attrici minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Mejju 2008, liema sentenza sejra tigi hawn riprodotta fl-intier taghha ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell:
"Il-Qorti,

"Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-28 ta' April, 2000 li permezz tieghu s-socjeta` attrici ppremettiet:

"Illi b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fl-24 ta' Mejju, 1973 fil-kawza fl-ismijiet "Luigi Portelli vs Av. Dr. Lino Agius u l-P.L. Joseph Busuttil nominati b'digriet tat-12 ta' Marzu, 1973 bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Winston Carbone fil-kwalita' tieghu ta' *"managing director"* tas-socjeta` Parkland Investments Limited" il-proprjeta` koncessa b'emfitewsi perpetwa lill-atturi ossija porzjoni diviza mit-territorju ta' Wied Rini fil-kuntrada tal-Fantin, il-Bahrija limiti tar-Rabat, tal-kejl superficjali ta' cirka tnejn u ghoxrin tomna giet dikjarata rexissa u l-atturi kkundannati jirrestitwixxu l-art in kwistjoni u dan skond kopja legali tal-atti gudizzjarji relattivi li kopja taghhom qed tigi hawn esebita u mmarkata bhala dokument A.

"Illi l-atti gudizzjarji fuq imsemmija u s-sentenza moghtija hija nulla u bla effett fil-ligi *stante* illi kien hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi u peress illi dik il-vjolazzjoni gabet lill-atturi pregudizzju illi ma jistax jissewwa xorta ohra hlief billi s-sentenza fuq imsemmija tigi annullata.

"Illi kif jirrizulta mill-atti processwali fuq imsemmija s-socjeta` Parklane Investments Limited qatt ma giet imharrka biex tidher imma tharrek, *se mai*, Winston Carbone bhala *"managing director"* tal-istess socjeta` li *del resto* la kien *"managing director"* tas-socjeta` attrici u lanqas ma kien hemm attentat sabiex jigi notifikat bl-atti gudizzjarji in kwistjoni.

“Illi jirrizulta mill-atti processwali fuq imsemmija li l-kuraturi deputati nominati biex jirrapprezentaw lill-assenti gew nominati biex jirrapprezentaw lil Winston Carbone u mhux lis-socjeta` attrici *stante* li l-imsemmi Winston Carbone ma giex imharrek ghan-nom u fl-interess tas-socjeta` attrici.

“Illi s-socjeta` attrici fl-1973 kellha zewg diretturi ohra apparti Winston Carbone u *cioe*` Inez Scicluna u Carol Calleja li kien assuma l-funzjoni ta’ *“managing director”* fin-nuqqas ta’ Winston Carbone li kien assenti minn Malta u dan kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi B u C.

Illi kien impellenti fuq il-konvenut Luigi Portelli biex jintavola citazzjoni ghar-rexissjoni tal-koncessjoni emfitewtika perpetwa biex iharrek zewg diretturi li kienu jirrapprezentaw is-socjeta` attrici u dan skond kif jirrizulta mill-Ordinanza 10 tal-1962 u *cioe*` Artiklu 121(2). Li dawn iz-zewg diretturi fuq imsemmija fl-1973 kienu prezenti f’Malta.

“Illi l-kuraturi deputati ma nfurmawx b’din ic-citazzjoni lil Winston Carbone u wisq inqas lis-socjeta` attrici fl-ufficcju registrat tas-socjeta` u d-diretturi l-ohra li kienu prezenti Malta u dan minghajr pregudizzju tal-fatt li huma ma gewx appuntati biex jirrapprezentaw l-interessi tas-socjeta` attrici *ai termini* tal-ligi.

“Illi dan in-nuqqas gab pregudizzju serju lis-socjeta` attrici li saret taf b’din is-sentenza fuq imsemmija f’dan l-ahhar zmien u dan minkejja li dik is-sentenza nghatat sebgha u ghoxrin sena ilu u l-konvenuti naqsu li jirregistrawha fir-Registru Pubbliku a konoxxenza tas-socjeta` attrici u ta’ terzi.

“Illi s-socjeta` attrici ipotekat versu terzi din l-art u dahlet f’negozji ma’ terzi ghat-trasferiment tal-istess art u dan qabel ma kienet konxja ta’ din is-sentenza fuq imsemmija.

“Illi jinhtieg illi l-proceduri ntavolati bl-att gudizzjarju fuq imsemmi u *cioe’* bl-atti processwali tas-sentenza tal-24 ta’ Mejju, 1973 fil-kawza citazzjoni numru 210/73 fl-ismijiet “Luigi Portelli vs Av. Dr. Lino Agius et noe” jigu dikjarati

nulli u bla effett fil-ligi u ma jifformawx stat in konfront tas-socjeta` attrici.

“Ghalhekk prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

“1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-atti gudizzjarji konsistenti fic-citazzjoni numru 210/73 fil-kawza fl-ismijiet “Luigi Portelli vs Av. Dr. Lino Agius et noe” jigu dikjarati nulli u bla effett fil-ligi u ma jifformawx stat in konfront tas-socjeta` attrici.

“2. Illi konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi l-proprjeta` koncessa in emfitewsi perpetwa b’att tas-16 ta’ Lulju, 1969 fl-atti tan-Nutar Dr. George Bonello Dupuis konsistenti f’porzjoni diviza mit-territorju ta’ Wied Rini fil-kuntrada Tal-Fantin, Bahrija limiti tar-Rabat, tal-kejl superficjali ta’ 22 tomna, konfinanti mit-Tramuntana ma’ raba’ ta’ Mikelina Camilleri, mil-Lvant ma’ raba’ ta’ Ganni Gauci u mill-Punent ma’ art tal-werrieta ta’ Carmelo Cassar Torreggiani hija u ghada proprjeta` ta’ Parklane Investments Limited.

“Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici mahlufa minn Joseph Borg fit-28 t’ April, 2000 u l-lista tax-xhieda.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fit-30 ta’ Gunju, 2000 li permezz taghha eccepew:

“Illi t-talba principali attrici hi rritwalment proposta u l-azzjoni hi nulla *stante* li s-socjeta` attrici ma adoperatx ir-rimedju lilha riservat mil-ligi biex titwaqqa’ sentenza li ghaddiet f’gudikat.

“F’kull kaz, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez.

“Salvi eccezzjonijiet ohra.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa minn Luigi Portelli u l-lista tax-xhieda.

“Rat l-atti processwali u l-verbal tas-seduta tal-10 ta’ Novembru, 2003 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta.

“Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti moghtija fit-23 ta’ Jannar, 2004 li permezz taghha laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u lliberathom mill-osservanza tal-gudizzju.

“Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta’ Dicembru, 2006 illi permezz taghha laqghet l-appell *in parte* u rriformat is-sentenza msemmija bili kkonfermatha in kwantu ddikjarat li t-talba tas-socjeta` attrici biex tigi dikjarat li l-atti gudizzarji konsistenti fic-citazzjoni numru 210/73 fil-kawza fl-ismijiet Luigi Portelli vs Dr Lino Agius et noe huma nulli u bla effetti fil-ligi m’hijiex proponibbli u lliberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu ghal dik l-istess talba pero’ rrevokatha in kwantu ddikjarat li t-talba tas-socjeta` attrici biex jigi ddikjarat li l-atti msemmija ma jiffurmawx stat fil-konfront taghha u ghalhekk iddecidiet li l-kawza kienet proponibbli u tista’ tigi mistharrga u ghalhekk irrinvjat l-atti lil din il-Qorti biex titratta u tiddeciedi l-kawza limitatament fil-kuntest ta’ din it-talba attrici.

“Ikkunsidrat;

“Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza ma hemmx kontestazzjoni fuqhom. Il-konvenut ottjena sentenza kontra s-socjeta` attrici fl-24 ta’ Mejju, 1973 fil-kawza fl’ismijiet Luigi Portelli vs Dr Lino Agius nomine li permezz taghha gie dikjarat li l-art in kwistjoni li l-konvenuti fil-kawza kienu akkwistaw minghand l-attur in enfitewsi kellha tigi ritornata lill-istess attur *stante* nuqqas ta’ hlas tal-*canone*. Wara dan iz-zmien l-atturi f’din il-kawza talbu dikjarazzjoni ta’ nullita` tal-istess sentenza u li dik is-sentenza ma taghmilx stat fil-konfront taghha. L-ewwel talba giet michuda definittivament anke mill-Qorti tal-Appell li pero’ baghtet l-atti lura lil din il-Qorti biex tistharreg it-tieni talba.

"Kif il-Qorti *gia`* qalet fis-sentenza taghha fuq imsemmija "*Il-ligi tal-procedura taghna tipprovdi ghall-procedura tar-ritrattazzjoni f'kazijiet specifici fejn ghal xi raguni s-sentenza in kwistjoni jkollha xi difett li kien ikollu effett fuq l-esitu tas-sentenza kieku ma ezistix, jew li ppregudika serjament id-dritt tal-parti li titlob ir-ritrattazzjoni ghal smigh gust. Skond l-artiklu in kwistjoni ossija l-Artiklu 818(2) tal-Kapitlu 12, f'kull kaz ma tistax tintalab ritrattazzjoni wara hames snin li l-kawza tkun ghaddiet in gudikat. L-Artiklu 819 imbaghad jghid li dan il-perjodu huwa perentorju.*

*"L-iskop ta' dan hu evidenti u cioe' li l-legislatur hass li ma jistax ikun hemm stat ta' ncertezza ndefinita fejn jidhlu kwistjonijiet ta' drittijiet akkwisiti wara process gudizzjarju. L-atturi dan fehmuh u in fatti ma stitwewx citazzjoni a bazi tal-artikli rigwardanti r-ritrattazzjoni izda qed jitolbu dikjarazzjoni ta' nullita` tas-sentenza in kwistjoni u li din is-sentenza ma tifformax stat fil-konfront taghhom.*

*"Ghal kull buon fini l-Qorti taghmel referenza ghad-diversi sentenzi citati mill-konvenut fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu specjalment ghall-iktar wahda recenti Bugeja vs Azzopardi deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Gunju, 2001 li ticcita sentenzi ohra. Fost affarijet ohra per ezempju il-Qorti qalet:*

"*'L-ebda disposizzjoni fil-ligi taghna ma taghti lok li titressaq citazzjoni sabiex sentenza li tkun ghaddiet in gudikat tigi dikjarata nulla u bla effett u l-Qorti tieqaf hemm. Ghalhekk din il-Qorti m'hijiex ser tisma' l-provi dwar x'kienet il-procedura segwita f'kawza li ghaddiet in gudikat u li fiha ma giex utilizzat ir-rimedju provdut mil-ligi sabiex tali sentenza tigi attakkata.'*"

"*Fil-kawza Gerada vs Caruana imsemmija mill-istess sentenza u li giet deciza fl-1973 intqal;*

"*'L-effikacja guridika u socjali tal-gudikat tirrikjedi li l-amministrazzjoni tal-gustizzja da parti tal-Qorti tal-pajjiz ma tigix imfixkla u ntralcjata billi fi kwalunkwe zmien u bla*

*ebda limiti l-parti li titlef kawza terga tqajjem kwistjonijiet rigward taghha u terga' tiftahha'.*"

"Kif jidher car mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell din il-Qorti kull ma ghandha taghmel huwa li *tezamina l-okkju tal-kawza deciza fl-1973 u tiddeciedi jekk is-socjeta` attrici kinitx parti fih jew le. Dak li qed tghid din il-Qorti huwa biss li jekk persuna tallega li hi ma kinitx parti f'kawza izda b'rizultat ta' dik il-kawza ttiehdet proprjeta` taghha, dik il-persuna ghandha jkollha r-rimedju biex titlob dikjarazjoni li hija ma kinitx parti f'dik il-kawza, li allura dik il-kawza ma taghmilx stat fil-konfront taghha u l-proprjeta` taghha baqghet taghha.*"

"Il-Qorti tal-Appell ghamlitha wkoll cara li ebda Qorti ma tista' issa tidhol fil-kwistjoni tan-notifika tac-citazzjoni f'dik il-kawza *ormai* deciza fl-1973 izda biss tiddeciedi jekk fl'okkju ta' dik il-kawza s-socjeta` attrici kinitx parti.

"Ghalhekk il-Qorti ma hijiex (u ma tistax ) ser tissindika jekk l-attur f'dik il-kawza harrikx sew lill-kuraturi biex jirrapprezentaw lil Winston Carbone fil-kwalita' tieghu premessa meta kien hemm persuni ohra li kienu prezenti f'Malta u li kellhom ukoll rapprezentanza guridika tas-socjeta` konvenuta dakinhar u attrici llum. Dan ghaliex huwa car li din kienet tkun kawzali proponibbli f'kawza ta' ritrattazzjoni izda huwa issa car li din il-kawza ma tistax tigi proposta ghar-ragunijiet *gia*` moghtija minn din il-Qorti u kkonfermati mill-Qorti tal-Appell. Il-Qorti fi kliem iehor trid tara biss jekk meta Carbone tharrek *fil-kwalita' tieghu ta' "managing director" tas-socjeta` Parklane Investments Limited* din is-socjeta` kinitx allura parti fil-kawza.

"Din il-Qorti ma ghandha ebda dubju li dan kien il-kaz.

"Huwa veru li kien ikun ahjar li kieku ma' dawn il-kliem zdiedu l-kliem *in rapprezentanza tal-istess socjeta*` kif solitament isir, izda ghall-Qorti huwa car illi meta xi hadd jitharrek bhala direttur (f'dan il-kaz bhala direttur manigerjali u allura f'kariga iktar esekuttiva) tkun qed titharrek is-socjeta` msemmija fl-okkju u mhux hu personalment. Meta persuna titharrek personalment

naturalment ma hemmx ghalfejn wiehed joqghod jghid dan fl-okkju tal-att promotur, izda jekk it-tahrika tohrog lil xi hadd fi kwalita' partikolari huwa jkun qed jitharrek appuntu f'dik il-kwalita'. Issa wahda mill-kwalitajiet essenzjali ta' direttur hija appuntu li wiehed jirrapprezenta lil dik l-entita' u allura t-tahrika tkun qed tohrog lil dik l-entita'.

"Dan anzi kien necessarju qabel saru l-emendi tal-1995 li ghamluha possibbli li tigi citata s-socjeta` f'isimha minghajr in-necessita' li jissemma dak il-persuna li jirrapprezentaha skond l-istatut taghha. Ghalhekk fiz-zmien in kwistjoni l-atturi kellhom bilfors jindikaw lid-direttur jew diretturi li jirrapprezentaw dik is-socjeta`.

"Kollox ma' kollox ghalhekk il-Qorti thoss li minn ezami tal-okkju tal-kawza s-socjeta` attrici odjerna kienet indikata bhala konvenuta u ghalhekk kienet parti mill-kawza.

"**Ghal dawn il-motivi ghalhekk il-Qorti tilqa' l-eccezzjonijiet rimanenti tal-konvenuti u tichad it-talbiet attrici. L-ispejjez hlief dawk *gia`* decizi mill-Qorti tal-Appell huma a kariku tas-socjeta` attrici.**

**<u>L-APPELL TAS-SOCJETA` PARKLANE INVESTMENTS LIMITED</u>**

**2.** Is-socjeta` attrici hassitha aggravata mis-sentenza surriferita tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-21 ta' Mejju 2008, u interponiet dan l-appell minnha permezz ta' rikors datat 10 ta' Gunju 2008. In succint, l-aggravju taghha huwa wiehed ta' indole legali, jigifieri dak li s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti (cioe` fis-sentenza tal-1973) m'hijiex sorretta mil-Ligi u mill-ezami tal-okkju tal-kawza, is-socjeta` appellanti ma kienitx indikata bhala konvenuta u ghalhekk ma kienitx parti mill-kawza.

Dan qed jinghad mis-socjeta` appellanti fuq il-bazi illi mill-atti processwali jidher li s-socjeta` attrici qatt ma giet imharrka izda tharrek Winston Carbone bhala "managing director" tas-socjeta` attrici. Skond is-socjeta` appellanti rrizulta inoltre li fid-data tac-citazzjoni Winston Carbone ma kienx Malta u huwa kien gie sostitwit bhala "managing

director" minn Carol Calleja. Issa skond l-Artikolu 121(2) tal-Ordinanza X tal-1962, biex socjeta` tkun imharrka din trid tkun imharrka fil-vesti ta' zewg diretturi. L-esponenti ghalhekk isostnu li s-socjeta` qatt ma setghet tharrket fil-vesti tal-"managing director".

Ghalhekk is-socjeta` appellanti talbet lil din il-Qorti sabiex tigi revokata s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-21 ta' Mejju 2008. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti.

## RISPOSTA TAL-KONVENUTI

**3.** Preliminarjament il-konvenuti appellati wiegbu li s-sentenza hija gusta u ghandha tigi konfermata.

Skond l-appellati, ma hemmx dubju li anke mill-okkju tal-kawza biss wiehed kellu jifhem li l-kawza kienet qed tigi proposta kontra l-kumpanija Parklane Investments Limited. Fi zmien li saret il-prezentata ta' dik il-kawza, kumpaniji kummercjali kienu jigu azzjonati billi jitharrku d-diretturi taghhom biex dawn jidhru f'isimhom, u hekk sar f'din il-kawza. M'huwiex kontestat li Winston Carbone kien ghadu registrat bhala direttur ta' Parklane Investments Limited u li skond klawsola 10 tal-istatut, fi proceduri gudizzjarji l-kumpanija kienet rapprezentata mill-"managing director".

## FATTI TAL-KAWZA

**4.** Qabel ma tghaddi sabiex tikkonsidra l-aggravju tas-socjeta` appellanti, din il-Qorti thoss li jkun utli li taghti sfond fil-qosor tal-fatti kollha mertu tal-kawza in kwistjoni, u dan kif ser jinghad:-

i) Fl-24 ta' Mejju 1973, il-Qorti tal-Kummerc kienet tat sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Luigi Portelli v. Av. Dr. Lino Agius u l-P.L. Joseph Busuttil nominati b'digriet tat-12 ta' Marzu 1973, bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti Winston Carbone fil-kwalita` tieghu ta' "managing director" tas-socjeta` Parklane Investments Limited**. F'dik is-sentenza, il-Qorti kienet

iddecidiet illi kuntratt li bih is-socjeta` Parklane Investments Limited kienet akkwistat bicca art mit-territorju ta’ Wied Rini tal-kejl ta’ cirka tnejn u ghoxrin tomna, jigi rexiss stante li kienu moruzi fil-pagament tal-“canone”. Ghalhekk din il-bicca art rritornat f’idejn l-appellat Portelli;

ii) F’din il-kawza issa, is-socjeta` appellanti talbu dikjarazzjoni ta’ nullita` ta’ din is-sentenza u li dik is-sentenza ma taghmilx stat fil-konfront taghhom ghaliex il-kuraturi deputati li kienu gew appuntati gew nominati sabiex jirrapprezentaw lil Winston Carbone u mhux biex jirrapprezentaw lis-socjeta` appellanti, ghaliex Winston Carbone ma kienx imharrek ghan-nom u fl-interess tas-socjeta` appellanti;

iii) L-ewwel talba tas-socjeta` appellanti giet michuda permezz ta’ sentenza moghtija minn din l-istess Qorti fil-1 ta’ Dicembru 2006, ghaliex giet milqugha l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-appellat illi t-talba attrici sabiex jigi ddikjarat illi l-atti gudizzjarji riferribli ghall-ewwel kawza huma nulli u bla effett m’hijiex proponibbli;

iv) Ghalhekk is-sentenza li nghatat fil-21 ta’ Mejju 2008, tirrigwarda t-tieni talba tas-socjeta` appellanti li l-atti gudizzjarji riferribli ghall-ewwel kawza ma jaghmlux stat fil-konfront taghha – u dan ghaliex Parklane Investments Limited qatt ma giet imharrka biex tidher izda tharrek Winston Carbone bhala “managing director” tal-istess socjeta`.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

**5.** Dak li ghandha quddiemha din il-Qorti huwa aggravju wiehed, u cioe` illi s-sentenza tal-ewwel Qorti m’hijiex sorretta mil-ligi u mill-ezami tal-okkju tal-kawza originali, is-socjeta` appellanti ma kienitx indikata bhala konvenuta u ghalhekk ma kienitx parti mill-kawza.

**6.** Il-kompitu tal-Qorti, fic-cirkostanzi, kien ghalhekk dak li tara fl-ewwel lok x’kienet ezattament il-procedura kummercjali vigenti fil-mument li nfethet il-kawza in ezami,

jigifieri fid-data tat-12 ta' Marzu 1973, u mbaghad tara jekk din il-procedura, hekk stabbilita, gietx osservata jew le kif hemm ipprovdut.

Minn dan l-ezami ghandu jirrizulta li fi zmien li nfethet il-kawza kienet ghandha tapplika l-Ordinanza li tirregola s-Socjetajiet Kummercjali, Kapitolu 168 tal-Ligijiet ta' Malta. F'din l-Ordinanza, l-Artikolu 121(2) kien jghid hekk:
*"Kemm-il darba ma jkunx mahsub xort'ohra fil-memorandum jew fl-istatut tal-kumpannija kull tnejn mid-diretturi, jew, jekk ikun hemm direttur wiehed biss, dak id-direttur, ghandhom jirrapprezentaw lill-kumpannija."*

Dak li ghalhekk ghandu jsir huwa li ssir referenza ghall-Memorandum of Association tas-socjeta` appellanti biex jigi stabbilit min kellu r-rapprezentanza tas-socjeta` f'dak iz-zmien. F'wahda mill-klawsoli tal-Memorandum tas-socjeta` appellanti ( ara fol. 25 tal-process) hemm specifikat illi,
*"The "managing director" or any other person expressly authorized by him shall represent the Company in all judicial proceedings."*

Minn dan il-Memorandum jidher ukoll illi meta giet kostitwita din is-socjeta` privata kien hemm zewg azzjonisti li kienu wkoll diretturi, ossia Winston Carbone u Ines Scicluna.

Mill-provi rrizulta car u tond li Winston Carbone kien il-"managing director" tas-socjeta` u li huwa kien irrizenja bhala direttur b'effett mit-28 ta' Novembru 1973, ara fol. 19 tal-process. Issa ghalkemm irrizulta wkoll illi fis-26 ta' Frar 1972 Carol Calleja gie nominat bhala direttur, ma hemm l-ebda dokument li jipprova li huwa sar il-"managing director" flok Winston Carbone sakemm dan irrizenja fil-28 ta' Novembru 1973. Dan huwa dak li kellha tistabilixxi din il-Qorti.

Il-kawza surreferita fl-ismijiet **Luigi Portelli v. Av. Dr. Lino Agius u P.L. Joseph Busuttil nominati b'digriet tat-12 ta' Marzu 1973, bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti Winston Carbone fil-kwalita`**

**tieghu ta' "managing director" tas-socjeta` Parklane Investments Ltd.** citazzjoni numru 210/73, deciza fl-24 ta' Mejju 1973, bdiet u spiccat meta Winston Carbone kienu ghadu ufficjalment direttur tas-socjeta` u ghalhekk meta kien ghadu "managing director" tas-socjeta`. Mill-okkju ma hemmx dubju li Winston Carbone ma tharrikx personalment izda kien tharrek proprju fil-kariga tieghu ta' "Managing Director" tas-socjeta` appellanti u ghalhekk it-tezi tas-socjeta` appellanti ma tistax tirnexxi.

Fl-ahharnett meta wiehed jara l-kuntratt enfitewtiku relativ ghal meta s-socjeta` appellanti akkwistat il-proprjeta` *de quo* mill-appellat, kien proprju l-imsemmi Winston Carbone li deher fuq dak l-att "fil-kwalita` tieghu ta' "managing director" tal-kumpanija Parklane Investments Ltd., ghan-nom u fl-interess tal-istess", (ara fol. 10 tal-process) u hadd hliefu.

Il-Qorti qeghda taghmel ukoll referenza ghall-kawza fl-ismijiet **L-Avukat Dr. Jose` Herrera noe. v. Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-24 ta' Novembru 1988, fejn il-Qorti kellha tiddeciedi proprju dwar ir-rapprezentanza ta' socjeta` u fejn kellha l-okkazjoni li tanalizza l-Artikolu 120 tal-Kapitolu 168 tal-Ligijiet ta' Malta, fis-sens li sejjer jinghad, jigifieri li:
*"Fil-kaz ta' socjeta` kummercjali bhal ma hija dik in kawza, il-ligi thalli lis-soci l-fakolta` li jirregolaw huma l-persuni jew persuni li jixtiequ li jirraprezenta (jew li jirraprezentaw) lis-socjeta`, imma fin-nuqqas tirregola hija stess. Din l-espressjoni tal-volonta` socjali naturalment trid tirrizulta pubblikament bir-registrazzjoni appozita fir-Registru tas-Socjetajiet. Dan huwa l-aspett pubbliku u ta' ordni pubbliku li l-attur ma apprezzax, fis-sottomissjonijiet tieghu. Isegwi li l-volonta` tal-Bord tad-Diretturi socjali espressa privatament – meta ma gietx espressa pubblikament, ma tghoddx. Biex tghodd trid tkun espressa pubblikament b'referenza, fis-sens illi l-Bord tad-Diretturi jkun fl-istatut awtorizzat li jinnomina kwalsiasi persuna biex tirraprezenta s-socjeta` biex tippromwovi kawza. Dan l-istess poter pero` ma jestendiex sal-punt – per ezempju – li l-Bord jghid illi huwa jiddeciedi min ghandu d-dritt tar-rapprezentanza meta s-socjeta` trid tigi*

*mharrka minn haddiehor minghajr ma jispecifika dik il-persuna min hija – ghaliex allura, dik l-espressjoni tkun ekwivalenti ghan-nuqqas ta' desinjazzjoni li jsemmi l-Artikolu 120 tal-Ordinanza u l-istess artikolu jissuplixxi ghan-nuqqas u jghid li zewg diretturi, ikunu min ikunu, jew direttur wiehed, jekk ikun hemm irregistrat wiehed biss, ghandhom id-dritt u l-obbligu tar-rapprezentanza guridika."*

Ghalhekk stante li f'din il-kawza, fil-Memorandum hemm specifikat li l-"managing director" ghandu jkollu din ir-rapprezentanza u l-unika persuna li tirrizulta li kienet "managing director" kien proprju Winston Carbone allura necessarjament kellu jsegwi li s-socjeta` Parklane Investments Ltd, kienet parti mill-kawza originali.

Ghaldaqstant l-appell tas-socjeta` attrici qieghed jigi michud bl-ispejjez relativi kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------